# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO (President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 8 ta' Ottubru, 2020.**

**Numru 9**

**Rikors numru 378/2011 MCH**

**Denis Xuereb**

**v.**

**GasanMamo Insurance Limited**

**Il-Qorti:**

1. Permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat fil-15 ta' April 2011, l-attur ħarrek lill-konvenuta u talab lill-ewwel Qorti sabiex:-

   i. Tiddikjara li t-telf li sofra fil-lejl bejn it-30 u 31 ta' Jannar 2010 meta tilef ċurkett, kien riskju kopert mill-polza ta'

assikurazzjoni li kien xtara mingħand il-konvenuta u li hi għandha obbligu li tagħmel tajjeb għad-danni li sofra.

ii. Tillikwida l-kumpens dovut lill-attur.

iii. Tikkundanna lill-konvenuta tħallas is-somma likwidata.

2. Bi tweġiba preżentata fil-25 ta' Mejju 2011 fil-meritu l-konvenuta wieġbet li:

i. L-attur naqas milli jieħu l-prekawzjonijiet li skont il-polza ta' assikurazzjoni kien obbligat li jieħu. Fiċ-ċirkostanzi seħħet dekadenza mid-dritt tal-attur li jitlob riżarċiment skond il-polza.

ii. F'kull każ l-obbligu tal-konvenuta ma jmurx oltre dak illi tħallas lill-attur il-valur reali tal-oġġett li ntilef. Il-valur taċ-ċurkett hu ferm inqas minn dak li qiegħed jippretendi l-attur.

iii. F'kull każ tista' tagħżel li minflok tagħti lill-attur ċurkett bħal dak li kellu, immanifatturat bl-istess piż ta' deheb, kwalita` ta' djamanti u zafira u bl-istess disinn ħlief għal varjazzjonijiet żgħar. F'dan ir-rigward iddikjarat li ser tikkummissjona dak iċ-ċurkett u wara tgħaddi biex tiddepożitah f'idejn kunsinnatarju u titlob lill-Qorti sabiex taħtar espert biex jiddikjara jekk iċ-ċurkett jissodisfax ir-rekwiżiti neċessarji sabiex toffrih lill-attur.

3. B'sentenza tal-1 ta' Lulju 2015, il-Prim'Awla iddeċidiet:

> "*Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' €25,000 li magħhom irid jiżdied il-VAT, bl-ispejjeż jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet, u bl-imgħax jibda jiddekorri mid-data li saret il-claim mill-assikurat ċioe` mill-1 ta' Frar 2010".*

4. Fit-13 ta' Lulju 2015 il-kumpanija konvenuta appellat mis-sentenza bl-aggravji jkunu:

> *"a. Fl-ewwel lok, l-ammont tad-danni li għandha tagħmel tajjeb għalih l-esponenti la kien wieħed likwidu u lanqas ma kien wieħed faċilment likwidabbli;*
>
> *"b. Fit-tieni lok, l-ammont tad-danni li kien, sal-aħħar mument tal-kawża, jintalab mill-attur kien wieħed ferm in eċċess tal-ammont finalment likwidat favur tiegħu mill-Qorti nnifisha; u*
>
> *"ċ. Fit-tielet lok, qabel il-kawża, l-esponenti kienet offriet lill-attur li tirripjazzalu ċ-ċurket mitluf b'ieħor identiku tal-istess kwalita' u kompost minn djamanti u ġojjelli tal-istess kobor, finezza u kwalita' ta' dak oriġinali jekk mhux ifjen. Kien l-attur li rrifjuta dik l-offerta".*

5. L-attur wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud.

**<u>Fatti.</u>**

6. L-attur kien xtara ċurkett mingħand Sergio Zampa Jewellery li fis-7 ta' April 2009 ħareġ stima għall-iskop ta' assikurazzjoni, bil-valur ikun €43,000.

7. L-attur xtara wkoll polza ta' assikurazzjoni mingħand il-konvenuta tat-tip *'home insurance'* li kienet ukoll tkopri ċ-ċurkett. Fil-polza ta' assikurazzjoni, li bdiet fis-26 ta' Frar 2010, iċ-ċurkett kien jissemma espressament. Is-somma assigurata kienet ta' €43,000.

8. Fil-lejl bejn it-30 u 31 ta' Jannar 2010, l-attur tilef iċ-ċurkett li kien kopert mill-polza ta' assikurazzjoni. Għamel ukoll rapport lill-pulizija dwar dak li kien ġralu.

9. Fl-1 ta' Frar 2010 l-attur għamel claim lis-soċjeta` konvenuta.

10. Fid-9 ta' Settembru 2010, Kevin Borg Degiorgio mill-Claims Division għarraf lill-broker, li tramite tiegħu inxtrat il-polza, li *"In line with policy conditions we shall proceed with replacement of this ring and kindly inform your client to contact Mr Raphael Azzopardi, Victor Azzopardi Jewellers ........"*.

11. Fid-29 ta' Settembru 2010 il-konvenuta ingħatat stima aġġustata mingħand Victor Azzopardi Jewellers dwar ċurkett li seta' jerġa' jkun manifatturat. Il-prezz kien ta' €18,000 mhux inkluż il-VAT. Fl-istima ċ-ċurkett hu deskritt bħala *'Top Quality'*. L-ewwel stima kienet ta' €12,000 mhux inkluż il-VAT, u ġiet riveduta għaliex mingħand l-aġenti tal-

kumpanija konvenuta kien ġie infurmat li l-istima kellha tkun b'żafir ta' kwalita` għolja ħafna.

12. L-attur m'aċċettax li jingħata ċurkett ieħor ġialadarba ma kienx ser jiġi mmanifatturat mid-ditta li kienet għamlet iċ-ċurkett li kien xtara mingħand Sergio Zampa.

13. L-attur ingħata proforma invoice datata 10 ta' Marzu 2011 li dak iż-żmien iċ-ċurkett kellu prezz ta' bejn wieħed u ieħor, €48,000.

14. Eventwalment il-kwistjoni spiċċat il-Qorti.

15. B'sentenza tal-1 ta' Lulju 2015 il-Prim'Awla ikkundannat lis-soċjeta` konvenuta sabiex tħallas lill-attur is-somma ta' ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) li magħhom irid jiżdied il-VAT, bl-ispejjeż jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet, u bl-imgħax jibda jiddekorri mid-data li saret il-claim mill-assikurat.

**<u>Konsiderazzjoni</u>**.

16. Ilum il-kwistjoni bejn il-partijiet hi limitata dwar l-ordni tal-ewwel Qorti li l-imgħax għandu jitħallas mid-data meta l-attur għamel il-*claim*.

17. Fl-ewwel aggravju l-konvenuta għamlet referenza għall-prinċipju ta' *'in illiquidis non fit mora'*. Il-konvenuta qiegħda tippretendi li ebda imgħax mhu dovut, tant hu hekk li fir-rikors tal-appell talbet lil din il-Qorti sabiex *"..... tiddeċiedi minflok li ma humiex dovuti imgħaxijiet lill-attur fuq is-somma hekk likwidata......"*. Ibda biex li jekk kellu jiġi applikat dak il-prinċipju, mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti (1 ta' Lulju 2015) l-imgħax żgur li beda jiddekorri sad-data tal-ħlas. Hekk kif għadda t-terminu tal-appell u ħadd mill-partijiet m'appella mis-somma li l-ewwel Qorti illikwidat bħala l-kumpens li għandu jitħallas lill-attur, dik il-parti tas-sentenza saret ġudikat. B'hekk minn dakinhar kien determinat b'mod definittiv l-ammont li kellha tħallas il-konvenuta.

18. Fir-rikors ġuramentat l-attriċi talbet lill-Qorti sabiex, *"2) Tillikwida l-kumpens dovut mis-soċjeta` konvenuta lill-istess attur anke bl-opera ta' periti nominandi"*. Fil-kawża l-konvenuta ikkontestat li kien dovut xi ħlas, qalet li f'kull każ kellha jedd li tagħti lill-attur ċurkett bħal dak li kien assigurat taħt il-polza, u li f'kull każ il-ħlas pretiż kien eżaġerat.

19. F'dan il-każ kien hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet. L-ewwel Qorti ikkonkludiet li l-konvenuta kellha obbligu li tonora l-*claim* taħt il-polza ta' assikurazzjoni, ġialadarba l-attur tilef iċ-ċurkett u kien hemm provi sodisfaċenti li ma kienx hemm att ta' negliġenza jew nuqqas premeditat min-naħa tal-attur.

20. Mill-atti jirriżulta li sal-aħħar tal-kawża l-konvenuta baqgħet tinsisti li skond il-kondizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni kellha jedd li tibdel iċ-ċurkett b'wieħed ġdid (ara l-ħames eċċezzjoni u dik il-parti tan-nota ta' sottomissjonijiet bit-titlu *'il-ħames eċċezzjoni'*). F'dan ir-rigward hu rilevanti l-affidavit ta' Rita Wirth, General Manager ta' Thomas Smith Insurance Agency Ltd li huma l-aġenti ta' GasanMamo Insurance Ltd. Spjegat kif fil-bidu ta' Settembru 2010 kienu infurmaw lill-broker li kienu ser jagħtu lill-attur, ċurkett ġdid u dik baqgħet il-posizzjoni tagħhom. Dwar dan ukoll l-ewwel Qorti ma tatx raġun lill-konvenuta.

21. Bejn il-partijiet kien hemm diverġenza ukoll dwar il-ħlas li semmai hu dovut lill-attur. Il-konvenuta kienet qiegħda ssostni li semmai l-obbligu tagħha kien li tħallas lill-attur il-valur reali tal-oġġett mitluf. L-ewwel Qorti tatha raġun, wara li qalet:-

> *"Din pero` tiftah kwistjoni dibattuta bejn il-partijiet peress illi mill-banda l-wahda l-attur qed jippretendi risarciment ta' €43,000 mentri skond l-assikurazzjoni rimpjaziament tac-curkett jinvolvi valur ta' €18,000 eskluz VAT. Id-ditta Errecibi SRL fl-istima li baghtet fl-2011 ghal rimpjazzament ta' curkett simili hu ta' €48,000 (ara fol. 56 tal-process).*
>
> *"Hemm ghalhekk diskrepanza kbira bejn il-valur offert u dak mitlub. Din il-Qorti ma kinitx tirriskontra tant diffikulta li kieku l-attur ipproduca r-ricevuta tal-hlas jew id-deskrizzjoni originali bil-valur. Il-Qorti tifhem li l-gioellier jrid jaghmel margini ta' profitt pero f'dan il-kaz hemm bahar jaqsam bejn l-istima u l-valur assikurat. Wara kollox jinkombi fuq id-danneggjat li jipprova mhux biss l-ezistenza izda l-entita tad-dannu subit (ara Gasanmamo Insurance vs Keith Borg, App Inf 21/06/2006).*
>
> *"Il-Qorti hadet kont tad-deskrizzjoni li baghtet id-ditta Errecibi SRL lil Sergio Zampa fil-25 ta' Ottubru 2010 fejn hemm deskrizzjoni dettaljata dwar il-grad tad-djamanti oltre l-'clarity' u l-piz tal-hagar. Il-grad tad-*

*djamanti kien nieqes fl-istima li ghamel Raphael Azzopardi u l-Qorti fuq talba taghha irrikjamat il-kawza u staqsiet dwar dan lill-istess Raphael Azzopardi u jekk dan kienx ibiddel il-valur minnu stabbilit. Hu irrisponda li dan kien jaghmel differenza u fil-fatt il- Qorti innominatu bhala espert biex jaghmel stima skond id-deskrizzjoni tal-hagar tac-curkett kif deskritt mis-socjeta Errecibi SRL. Raphael Azzopardi ipprezenta stima aggornata ghal valur ta' €22,800 eskluz il-VAT hekk kif kien il-valur fl-2010 cioe fil-mument tat-telfien tac- curkett. Il-Qorti tqis li din l-istima ghandha tittiehed bhala l-aktar wahda li tirrispekkja l- principju regolatur f'kawzi simili li d-danneggat ghandu jigi risarcit tat-telf li jkun issubixxa fil-mument tat-telfien b'tali mod li jerga' jigi reintegrat fil-patrimonju tieghu. Il-Qorti tqis li dan ma jfissirx li l-ammont dikjarat ghal assikurazzjoni bilfors ikun il-valur reali tal-oggett mitluf ghax kif l-assikurazzjoni ghandha l-obbligu li thallas tat-telf skond l-assikurazzjoni, tali telf irid jirrispekkja dak li verament kien it-telf patrimonjali attwalment subit mhux necessarjament dak dikjarat mill-assikurat. Wara kollox hadd ma ghandu jivvantaggja ruhu minn sitwazzjoni biex jaghmel profitt. Il-Qorti pero tapprezza wkoll illi l-assikurat kellu curkett mhux komuni manifatturat minn ditta x'aktarx specjalizzata li ghamlet ic-curkett fuq mudell appozitu. Biex l- attur jerga' jirrimpjazzah, anki fiz-zmien tat-telf tieghu kien ser jirrikjedi dik ix xi haga aktar fil- prezz milli kieku gie manifatturat min kwalsiasi giollerier. Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-valur stabbilit mill-espert Raphael Azzopardi ghandu jigi awmentat biex jaghti aktar bilanc bejn id-drittijiet tal-assikurazzjoni u dak tal-assikurat. Hi l-fehma tal-Qorti illi l-valur ghalhekk tad- dannu inibit ghandu jkun arbitrio u boni viri fis-somma ta' €25,000 eskluz VAT.*

*"Hemm ghalhekk diskrepanza kbira bejn il-valur offert u dak mitlub. Din il-Qorti ma kinitx tirriskontra tant diffikulta li kieku l-attur ipproduca r-ricevuta tal-hlas jew id-deskrizzjoni originali bil-valur. Il-Qorti tifhem li l-gioellier jrid jaghmel margini ta' profitt pero f'dan il-kaz hemm bahar jaqsam bejn l-istima u l-valur assikurat. Wara kollox jinkombi fuq id-danneggjat li jipprova mhux biss l-ezistenza izda l-entita tad-dannu subit (ara Gasanmamo Insurance vs Keith Borg, App Inf 21/06/2006).*

*"Il-Qorti hadet kont tad-deskrizzjoni li baghtet id-ditta Errecibi SRL lil Sergio Zampa fil-25 ta' Ottubru 2010 fejn hemm deskrizzjoni dettaljata dwar il-grad tad-djamanti oltre l-'clarity' u l-piz tal-hagar. Il-grad tad-djamanti kien nieqes fl-istima li ghamel Raphael Azzopardi u l-Qorti fuq talba taghha irrikjamat il-kawza u staqsiet dwar dan lill-istess Raphael Azzopardi u jekk dan kienx ibiddel il-valur minnu stabbilit. Hu irrisponda li dan kien jaghmel differenza u fil-fatt il-Qorti innominatu bhala espert biex jaghmel stima skond id-deskrizzjoni tal-hagar tac-curkett kif deskritt mis-socjeta Errecibi SRL. Raphael Azzopardi ipprezenta stima aggornata ghal valur ta'* ***€22,800 eskluz il-VAT*** *hekk kif kien il-valur fl-2010 cioe fil-mument tat-telfien tac-curkett. Il-Qorti tqis li din l-istima ghandha tittiehed bhala l-aktar wahda li tirrispekkja l- principju regolatur f'kawzi simili li d-danneggat ghandu jigi risarcit tat-telf li jkun issubixxa fil-mument tat-telfien b'tali mod li jerga' jigi reintegrat fil-patrimonju tieghu. Il-Qorti tqis li dan ma jfissirx li l-ammont dikjarat ghal assikurazzjoni*

*bilfors ikun il-valur reali tal-oggett mitluf ghax kif l-assikurazzjoni ghandha l-obbligu li thallas tat-telf skond l-assikurazzjoni, tali telf irid jirrispekkja dak li verament kien it-telf patrimonjali attwalment subit mhux necessarjament dak dikjarat mill-assikurat. Wara kollox hadd ma ghandu jivvantaggja ruhu minn sitwazzjoni biex jaghmel profitt. Il-Qorti pero tapprezza wkoll illi l-assikurat kellu curkett mhux komuni manifatturat minn ditta x'aktarx specjalizzata li ghamlet ic-curkett fuq mudell appozitu. Biex l- attur jerga' jirrimpjazzah, anki fiz-zmien tat-telf tieghu kien ser jirrikjedi dik ix xi haga aktar fil- prezz milli kieku gie manifatturat min kwalsiasi giollerier. Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-valur stabbilit mill-espert Raphael Azzopardi ghandu jigi awmentat biex jaghti aktar bilanc bejn id-drittijiet tal-assikurazzjoni u dak tal-assikurat. Hi l-fehma tal-Qorti illi l-valur ghalhekk tad- dannu inibit ghandu jkun arbitrio u boni viri fis-somma ta' €25,000 eskluz VAT".*

22. Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenuta argumentat li l-iktar li kellu jitħallas lill-attur kienet is-somma ta' €22,800 oltre l-VAT. Somma li kienet l-istima li għamel il-perit tekniku inkarigat mill-Qorti fl-2015 u tirreferi għall-valur taċ-ċurkett fiż-żmien meta l-attur igħid li tilfu. Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenuta argumentat:-

*"Għaldaqstant, jekk, għall-grazzja tal-argument biss, jitqies li l-attur ma kienx negliġenti fit-telf ta' ċurkett tiegħu u kwindi ma hemm l-ebda ksur da parti tiegħu tal-obbligu ta' diliġenza u kura, għandu jitqies li l-valur li huwa għandu jirċievi bħala indennizz għat-telfien taċ-ċurkett ma għandux ikun dak li dwaru kien assigurat iċ-ċurkett imma figura ferm inqas li tirrifletti l-ispiża li, dakinhar tas-sinistru, kienet neċessarja sabiex jiġi prodott ċurkett ieħor li jkun, għall-finijiet u effetti prattiċi kollha, identiku għal dak mitluf.*

*"F'dan ir-rigward l-esponenti tissottometti li hija ppruvat sal-grad rikjest mil-liġi, li l-ispiża totali li hija kienet ser tinkorri, dakinhar li seħħ is-sinistru, sabiex tirrimpjazza ċ-ċurkett b'wieħed identiku kienet ta' tnejn u għoxrin elf u tmien mitt euro (€22,800) oltre l-VAT.*

*"Hija tissottometti għalhekk li fl-iktar ipoteżi favorevoli għall-attur din is-somma tirrapreżenta l-massimu ta' indennizz li l-attur jista' jkun intitolat għalih".*

23. Hu minnu li l-konvenuta ikkontestat il-kumpens li kien qiegħed jippretendi l-attur. Madankollu ma jirriżultax li f'xi żmien il-konvenuta offriet xi ħlas lill-attur, dan minkejja li f'Settembru 2010 kellha stima ta' €18,000 (mhux inkluż il-VAT). Minflok il-konvenuta baqgħet sal-aħħar issostni li ma kellhiex obbligu li tonora l-*claim* għaliex mill-fatti kif irrakkontati mill-attur, jirriżulta li aġixxa b'mod traskurat bi ksur tal-obbligu ta' attenzjoni li kellu skond il-*general conditions* tal-polza (ara l-argumenti tal-konvenuta li għamlet fin-nota ta' sottomissjonijiet dwar it-tielet eċċezzjoni). Saħansitra kompliet, li wkoll jekk għandha tonora l-*claim*, kellha l-jedd li tagħżel li tagħti lill-attur ċurkett kif kellu. Teżi li l-ewwel Qorti ċaħdet.

24. Fiċ-ċirkostanzi ma jkunx ġust li l-konvenuta ma tħallasx l-imgħax, meta l-Qorti tikkunsidra li żammet għandha flus li skond il-polza ta' assikurazzjoni kellha obbligu kuntrattwali li tħallas lill-attur. Hu minnu li kien bis-sentenza li ġie likwidat kumpens ta' €25,000, pero` hu minnu wkoll li l-konvenuta m'offriet l-ebda ħlas lill-attur u wisq inqas ma ddepożitat l-ebda ammont fil-Qorti sabiex eventwalment jitħallas lill-attur f'każ li jingħata raġun.

25. Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għall-artikolu 1133 tal-Kodiċi Ċivili:

> *"Id-debitur, ukoll jekk ma jkunx mexa b'mala fidi, jiġi kkundannat għad-danni, jekk ikun hemm lok, sew minħabba li jkun naqas għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni kemm ukoll minħabba d-dewmien fl-esekuzzjoni tagħha, kemm-il darba hu ma jippruvax illi n-nuqqas tal-*

> *esekuzzjoni jew id-dewmien sar minhabba xi ħaġa barranija li tagħha huwa ma kienx htija".*

26. Il-kumpanija konvenuta kkontestat il-jedd tal-attur li jiġi kkumpensat għat-telf li sofra, u ma ngħatatx raġun.

27. Il-Qorti hi tal-fehma li jekk tapplika l-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora* għal dan il-każ partikolari, tkun qiegħda tagħti vantaġġ mhux mistħoqq lill-konvenuta, li naqset milli tonora l-*claim* u m'offriet l-ebda kumpens lill-attur. Anzi l-konvenuta offriet oppozizzjoni dwar kollox, inkluż li ma kellhiex obbligu li tonora l-claim u f'kull każ kellha jedd li tirrimpjazza ċ-ċurkett li tilef l-attur b'ċurkett ieħor li ma jiġix manifatturat mill-istess ditta li mmanifatturat iċ-ċurkett li kien xtara l-attur. Atteġġament li kompla wassal għal iktar dewmien sakemm l-attur jiġi kkumpensat għat-telf li sofra meta tilef iċ-ċurkett. Biżżejjed jissemma kif fil-każ in eżami, il-kawża kienet preżentata fil-15 ta' April 2011 u fl-1 ta' Lulju 2015 ingħatat is-sentenza. Alternattivament niġu f'sitwazzjoni fejn il-kumpannija konvenuta li kellha obbligu kuntrattwali li tonora l-claim, deliberatament tagħżel it-triq li żżomm lura milli tħallas għaliex iż-żmien favur tagħha.

28. Il-prinċipju stess tar-*restitutio in integrum* irid li l-attur jitpoġġa fil-posizzjoni li kien fiha li kieku l-konvenuta wettqet l-obbligu tagħha b'mod tempestiv, u mhux tkompli żżomm flus li l-attur kellu jedd għalihom a bażi tal-polza ta' assikurazzjoni li xtara mingħandha. Dan apparti li *lite*

*contestata usurae currunt* (Paulus, Digest., lib. XXII, 1.35).[1] Għal dawk is-snin kollha l-konvenuta kienet qiegħda żżomm flus li legalment kienu jispettaw lill-attur, u baqgħet tgawdi minn dak il-benefiċċju.

29. Għal dak li jikkonċerna t-tielet aggravju, il-fatt li l-konvenuta offriet li tagħti lill-attur ċurkett ieħor bħal dak li tilef, mhu ta ebda rilevanza fir-rigward tal-perjodu minn meta jiddekorri l-imgħax. L-ewwel Qorti tat raġun lill-attur fis-sens li qalet:-

> *"Mill-banda l-ohra l-Qorti hi konsapevoli tad-dritt tal-assikurazzjoni li flok thallas il-kumpens tirrimpjazza l-oggett. Il-Qorti tqis li f'dawn ic-cirkostanzi fejn is-socjeta konvenuta zgur ma hix f'pozizzjoni li tiggarantixxi replica identika ghal dak mitlub specjalment meta l-manifattura ser issir minn ditta differenti minn dik li ghamlitu,* ***l-ahjar soluzjoni tkun li s-socjeta assikuratrici tikkompensa lil attur bil-valur tieghu peress illi l-attur baqa' jsostni illi ma riedx li c-curkett jigi manifatturat min terzi, u dan il-Qorti tifhmu peress li l-oggett, apparti l-valur intrinsiku tieghu, kellu grad gholi ferm ta' hidma****. Il-Qorti ma tqis prattiku illi jithalla jsir curkett min terzi u l-assikurat jigi mgieghel jaccetta oggett li forsi ma jilhaqx il-grad ta' lavorazzjoni mehtiega u* ***meta jidher car mill-provi illi l-hidma tal-oggett tista' tvarja minn id ghal ohra*** *u l-iskop tar-risarciment in integrum ma jigix milqugh fl-ispirtu li jrid risarciment assikurattiv f'oggett simili li oltre l-valur ghandu wkoll element estetiku qawwi li jqawwi l-valur bhala kwalita".*

30. Għalhekk l-ewwel Qorti tat raġun lill-attur li kellu jedd jirrifjuta li ċ-ċurkett ikun manifatturat minn terzi, iktar u iktar meta mill-provi jirriżulta li l-oġġett jista' jvarja minn id għall-oħra. Għaldaqstant, l-ewwel l-Qorti kkonkludiet li l-konvenuta ma kinitx f'posizzjoni li tiggarantixxi li l-attur jitpoġġa fis-sitwazzjoni li kien qabel ma tilef iċ-ċurkett. B'hekk dak l-

[1] Ara sentenza tal-Prim'Awla, **Tania Vassallo v. Anna Rita Camilleri et** tal-21 ta' Jannar 2010.

argument tal-konvenuta ma jista' jkollu l-ebda konsegwenza fuq l-imgħax li għandu jitħallas lill-attur, ġialadarba l-attur ingħata raġun li kellu jedd jirrifjuta li jaċċetta ċurkett ieħor li jsir minn ditta differenti minn dik li għamlet iċ-ċurkett li kien xtara u tilef.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-kumpannija konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr